**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 90/2016**

**PQ u TQ**

**vs**

**Crystal Finance Investment Ltd (C26761)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

**L-Arbitru,**

Ra l-ilmentipprezentat fil-5 ta' Lulju, 2016, fejn l-ilmentaturi qeghdin jilmentaw illi l-investiment taghhom ma' Crystal Finance Investment Ltd. naqas fil-valur u jistmaw li l-valur ta' dan l-investiment naqas b'€100,000 (madwar 25% tal-valur oriġinali).

Qed jilmentaw li kienu zgwidati meta nbieghlhom il-prodott u nghataw pariri zbaljati fuq kif investew flushom.

L-ilmentaturi jippretendu l-hlas lura tal-valur mitluf tal-investiment taghhom kawza tal-agir tal-provditur u kumpens ghall-imghax mitluf minhabba li ma sarx investiment alternattiv.

**Il-provditur tas-servizz finanzjarju rrisponda hekk:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u

mmarkat bhala 'Dok. CFI1'), liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts'* u ghalhekk l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smiegh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi wkoll preliminarjament, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-azzjoni kontra s-Socjeta` Esponenti waqghet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kwalsiasi forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet jekk qatt kienu jezistu tali relazzjonijiet diretti, sehhew sew qabel id-dekadenza tal-perjodi ta' preskrizzjoni applikabbli;

3. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-succepit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-Ilment kif propost huwa irritu u null u ghall-ekonomija tal-gudizzju f'dan l-istadju l-Arbitru ghandu jiddeciedi li ma jipprocedix bis-smiegh u decizjoni dwar il-mertu tal-Ilment billi ma jirrizultax illi QQ huwa mandatarju ta' PQ u TQ, u anke jekk huwa l-mandatarju tal-konjugi PQ u TQ, skont l-Artikolu 1866 tal- Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-mandatarju huwa prekluz milli jressaq l-Ilment f'isem il-mandanti tieghu meta dawn il-mandanti ma jkunux neqsin minn Malta fejn qieghed jizvolgi dan l-arbitragg;

4. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjeta` Esponenti teccepixxi in-nullita` tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjeta` Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjeta` Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjeta` Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova Ii trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputat taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li, fi kwalunkwe kaz, huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjeta` Esponenti;

5. Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-atturi huma ghal kollox fiergha u nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjeta` Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh ta' dan il-kaz;

6. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjoni li ssegwi, l-Ilment ma huwiex gustifikat in kwantu t-telf li garrbu s-Sinjuri PQ u TQ huwa rizultat ta' *Market Risk,* riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju specjalment meta wiehed iqis li bejn l-2005 u l-2015 kien hemm l-akbar krizi finanzjarja f'dawn l-ahhar mitt sena;

7. Illi, fl-ahharnett jinghad illi s-Socjeta` Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

Sema' x-xhieda tal-partijiet

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet

Ra l-atti l-ohra tal-kaz

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjoni dwar gurisdizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz (Crystal Finance Investments Ltd., fil-qosor CFI) qed jecepixxi li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni a bazi ta' Klawsola 17 tal-*Terms of Business Agreement* (CFI 1).

Pero`, konvenjentement, CFI ma semmiex Klawsola 16 tal-istess dokument fejn hemm li jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil dwar ilmenti, l-ilmentaturi setghu imorru quddiem il-*Consumers Complaints Unit* tal-MFSA, li bhal Arbitru kien meqjus bhala *ADR Entity* (*Alternative Dispute Resolution Entity)* li tfisser rimedju barra l-Qorti. Allura mhux kif qed jghid il-provditur tas-servizz, li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni esklussiva .

Barra minnhekk, meta giet iffirmata t-*Terms of Business Agreement* fis-sena 2013, l-Ufficcju tal-Arbitru ma kienx imwaqqaf u ghalhekk ma setax ikun eskluz jew kontemplat mill-partijiet.

Fil-gurisprudenza taghna gie osservat fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Cuschieri - vs - Perit Gustavo R. Vincenti", Appell Civili, 13 ta' Frar 1950, illi "meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew **posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta** u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din ghandha tigi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt, u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."[1]

Kif gja` nghad, wara l-konkluzjoni tat-*Terms of Business Agreement*, il-legizlatur haseb biex jipprovdi dan il-forum specjalizzat biex jiddisponi ahjar minn certi tilwimiet fis-settur finanzjarju. Ghalkemm il-kompetenza tal-qrati ma gietx eskluza, u l-Arbitru ghandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni prezunta tal-ilmentaturi dwar din l-okkorrenza li sehhet wara l-kuntratt ta' bejniethom hi li huma jaqblu li jiprevalixxu ruhhom minn din l-ghodda procedurali iktar idoneja mill-Qrati ipprovduta mil-legizlatur. Tant li gabu l-ilment taghhom quddiem l-Arbitru.

Skont il-Kap. 555, l-Arbitru ghandu l-kompetenza li jisma' kazi li jmorru lura sal-2005, kemm-il darba l-ilmentatur ikun 'klijent eligibbli' u l-provditur ta' servizz finanzjarju jaqa' fid-definizzjoni tal-istess ligi.[2]

L-ilmentatur huwa klijent eligibbli filwaqt li l-provditur tas-servizz finanzjarju jaqa' fid-definizzjoni tal-Kap. 555, u ghalhekk, l-Arbitru ghandu l-kompetenza jisma' dan il-kaz.

Barra minnhekk, kif inhu redatt dan id-dokument, il-parti dwar gurisdizzjoni intestata '*governing law*' kienet aktar intiza li jkollha dimensjoni internazzjonali <u>ghal dawk il-klijenti li m</u>'humiex Maltin. Ghaliex kieku, ghalfejn tissemma li tapplika l-Ligi Maltija fl-istess klawsola? Huwa ovvju li bejn kontraenti Maltin tapplika il-Ligi Maltija. Ir-referenza ghal '*the jurisdiction of the* ***Maltese*** [3] *Courts*' tkompli tamplifika dan l-argument. U fejn hemm klawsola ta' portata internazzjonali, il-kelma '*Courts*' tinkludi wkoll Tribunali mwaqqfa b'ligi.

[1] Paul Camilleri vs Joseph Glanville –PA, – Imhallef Philip Sciberras – 28.04.2003

[2] Kap. 555, Art. 2

[3] L-enfasi qed issir mill-Arbitru

Li kieku kellha tintlaqa' l-eccezzjoni tal-provditur tas-servizz, ifisser li hafna mill-kazi li ghandu l-Arbitru jridu jmorru l-Qorti.

Wahda mill-ghanijiet tal-legizlatur meta holoq dan it-Tribunal kien li jnaqqas mill-pressjoni li ghandha l-Qorti b'eluf ta' kazi li jidhlu kull sena. Barra minn hekk, il-legizlatur ried johloq makkinarju li jkun anqas kumpless, bi spejjez anqas , u minhabba li dan hu settur specjalizzat u l-procedura stabbilita anqas formali, allura dan it-Tribunal ikun jista' jaqta' l-kazi b'certa heffa.

Ghal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni u jiehu konjizzjoni tal-kaz.

## L-Eccezzjoni dwar preskrizzjoni

Il-provditur tas-servizz jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-'Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta' (ma jissemma l-ebda sub-artikolu).

Skont il-gurisprudenza taghna, apparti li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tinghata tifsira restrittiva[4], min jaghti tali eccezzjoni jrid jippruvaha[5]. Irid ukoll jipprova d-data minn mindu ghandu jibda jghodd il-perjodu preskrittiv[6].

Dan il-kaz jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 peress li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kuntrattwali ta' tranzazzjoni kummercjali.

Apparti li l-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova dwar preskrizzjoni, dak li jghid fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu huwa kontradittorju. L-ewwel jghid li d-data tal-preskrizzjoni ghandha tibda tghodd mis-sena 2004, cioe` mindu sehhet 'l-interazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet' u imbaghad jghid li r-'relazzjoni bejn il-partijiet giet stabbilita u regolata permezz tat-*Terms of Business Agreement'* (Dok. CFI 1) u d-dokumenti l-ohra iffirmati mill-konjugi PQ u TQ.

It-*Terms of Business Agreement* gie iffirmat fil-25 ta' Settembru 2013, u minn dik id-data ghadhom m'ghaddewx hames snin.

Din il-kontradizzjoni, jekk xejn, tnissel dubbju u f'kaz ta' dubbju, il-gudikatur irid jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni[7].

---

[4] Alf. Mizzi and Sons Ltd vs Dismar Co. Ltd , PA , 12/10/2004
[5] Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr Maria Deguara noe, PA 30/10/2003
[6] Causon vs Sheibani noe , QA, 4/12/1987
[7] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

**L-eccezzjonijiet dwar nullita`**

Dawn huma eccezzjonijiet fiergha u ser jigu michuda.

L-ewwel nett, QQ iffirma fuq il-formola bhala rapprezentant tal- ilmentaturi, li imlew l-istess formola bhala l-ilmentaturi. Flok is-Sur QQ seta' iffirma professjonista iehor, bhal avukat jew konsulent finanzjarju. Apparti dan, din l-eccezzjoni diga` giet sorvolata bil-korrezzjoni li saret fl-okkju.

L-eccezzjoni l-ohra, dwar dak li qed jigi allegat li l-ilment mhux car u li l-provditur tas-servizz ma setax igib difiza ghall-kaz tieghu, tmur lil hinn mill-verita` ghax apparti l-fatt li l-provditur tas-servizz ghamel difiza estensiva, l-ilmentaturi spjegaw fi ftit kliem l-ilment, taw ir-raguni, u semmew x'rimedju kienu qeghdin jistennew. Dak li titlob il-ligi u m'hemm xejn null f'dak li kitbu.[8]

Anke qabel ma saru bidliet kbar fil-Kodici tal-Procedura Civili fl-1995, fejn tnehhew kwazi ghal kollox in-nullitajiet, il-Qrati taghna kienu diga` iddikjaraw li n-nullita` ta' att ghandu jkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola u dan sabiex il-gustizzja sostantiva ssehh. Dan japplika aktar u aktar quddiem Tribunal bhal dak odjern fejn il-legizlatur stabbilixxa nuqqas ta' formalita` ghall-ekonomija u l-heffa tal-gudizzju.

Ghal dawn il-mottivi dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Il-Mertu**

L-ilmentaturi qed jissottomettu fl-ilment taghhom illi tilfu fil-valur tal-investiment taghhom "b'€100,000 (madwar 25% tal-valur originali) wara li konna zgwidati meta nbieghilna l-prodott u pariri zbaljati fuq kif ninvestu flusna."

Jippretendu l-hlas lura "tal-valur mitluf fl-investiment taghna kawza tal-agir tal-fornitur", u jitolbu "dan il-kumpens minhabba li ma sarx investiment alternattiv."

[8] Kap. 555 Art.22(1)

Dan l-ilment huwa dwar allegat telf ta' flus li l-ilmentaturi jghidu li garrbu matul is-snin, u mhux ilment dwar xi prodott partikolari. PQ xehed:

"**Nghid li qed nippretendi hu d-differenza bejn dak li investejt matul is-snin u dak li gbidt fl-ahhar.**" Jixhed ukoll: "**Mhux qed nikkalkula l-interessi.**"[9]

Mix-xhieda tal-partijiet u mid-dokumenti esebiti jidher li r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet tmur lura ghas-sena 2003-2004 meta Crystal Finance Investments Ltd. (CFI) gew avvicinati mill-ilmentaturi biex jinvestu xi flus maghhom.

Matul dan il-perjodu saru diversi tranzazzjonijiet u l-ilmentaturi diversi drabi gibdu flus u regghu investew.

L-Arbitru ghandu quddiemu zewg verzjonijiet. Fuq naha wahda, l-ilmentaturi qed jghidu li huma gew zgwidati fl-investimenti li ghamlu matul is-snin.[10]

Fuq in-naha l-ohra, il-provditur tas-servizz qed jghid li kienu jsiru laqghat regolari mal-ilmentaturi, kienu jintbaghtulhom *statements* regolari u l-investimenti saru wara spjegazzjoni dwar l-investimenti u saru bi qbil mal-ilmentaturi. Il-provditur jghid ukoll li meta jsir kalkolu ta' dak li investew l-ilmentaturi, inkluzi l-kupuni fuq l-investimenti, is-Sinjuri PQ u TQ jigu li ma tilfux flus anzi qalghu.[11]

L-Arbitur haseb sew fuq dan il-kaz li jrid jigi analizzat skont **ic-cirkostanzi u fatti tal-istess kaz, ghaliex kull kaz ghandu l-partikolaritajiet tieghu.**

**Irid jaghti gudizzju fuq l-ilment skont dak li fil-fehma tieghu huwa *gust, ekwu* u *ragonevoli* fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[12]

Peress li l-ilment huwa dwar l-andament tal-portafoll kollu li kellhom l-ilmentaturi matul zmien pjuttost twil, l-Arbitru ghamel analizi dettaljata tat-tranzazzjonijiet li saru u x'kien l-ezitu taghhom, kif ukoll qies il-fatti kollha tal-kaz.

Mid-dokumenti esebiti u mill-assjem tax-xhieda jirrizulta li l-ilmentaturi kienu diga` investew f'investimenti ohra ma' provditur tas-servizz iehor u, cioe` Calamatta Cuschieri. Fost l-investimenti, kellhom anke flus investiti l-Argentina li tilfu l-flus minnhom.

[9] A fol 48
[10] Ara ilment a fol 4.
[11] Ara r-risposta tal-provditur u x-xhieda ta' Martin Attard a fol 60-61
[12] Kap. 555, Art. 19(b)

Allura mhux kredibbli dak li jghid l-ilmentatur, PQ, li hu kien totalment injot minn dak li kien qed jigri, u kien isir biss dak li jiddeciedi l-provditur tas- servizz, qisu qatt ma kien investa qabel.

Ma tantx tista' titwemmen il-verzjoni tal-ilmentaturi, li ghal tnax-il sena shah, kienu jaqbdu u jiffirmaw il-karti minghajr ma jkunu jafu x'qed jiffirmaw ghaliex kellhom fiducja ghamja fil-provditur tas-servizz. Matul dawn is-snin saru diversi tranzazzjonijiet, u mhux wahda jew tnejn, u ghalhekk kellhom l-obbligu li jistaqsu x'ser jiffirmaw.

L-Arbitru jaghmel distinzjoni bejn kaz fejn ikunu saru numru konsiderevoli ta' tranzazzjonijiet u bejn kazi ohra fejn l-ilmentaturi jkunu iffirmaw darba jew tnejn fuq dak li jkun gie suggerit lilhom. U ovvjament, iridu jittiehdu l-partikolaritajiet specifici kollha ta' kull kaz.

Apparti dan, mill-mod kif xehed l-ilmentatur PQ, ma jidhirx li kien injot ghal kollox minn dak li kien qed jigri. Kien jircievi l-i*statement*s regolarment u kienu jsiru laqghat mal-*advisor* ta' CFI regolari, u anke kull meta kien jitlob l-ilmentatur. Dan skont ix-xhieda li ta Martin Attard,[13] li ma gietx kontradetta mill-ilmentaturi.

Mill-korrispondenza li ghaddiet bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz,[14] ma jidhirx li l-ilmentaturi huma xi nies illitterati li jiffirmaw fejn jghidulhom.

Ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jaccetta dak li gie sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, li d-dokumenti li ffirmaw ghandhom jigu skartati.

Mid-dokumenti esebiti mill-provditur tas-servizz tat-2 ta' Novembru 2016, (Nota fejn gew annessi dokumenti CFI 16 sa 22),[15] hemm kopja tat-*Transaction Orders* iffirmati kemm mir-rapprezentanti tal-provditur kif ukoll mis-Sinjuri PQ u TQ (xi drabi b'firma wahda tas-Sur PQ). Dan jindika li ma kienet issir l-ebda tranzazzjoni jekk mhux bil-kunsens tal-ilmentaturi. Tant hu hekk, li f'hafna minn dawn it-*Transaction Order Forms*, kien ikun hemm mhux biss ordnijiet ta' xiri imma anke wkoll ta' bejgh. Meta tqis, allura, it-*Transaction Order Forms* iffirmati, (li hemm numru mhux hazin minnhom), il-*Contract Notes* (tal-bejgh u xiri), l-i*statements* tal-*Withholding Tax*, kif ukoll r-rendikonti ta' kull sitt xhur li kienu jintbaghtu lill-ilmentaturi, ma jistax jinghad li l-ilmentaturi ma kienux jafu x'qed jiffirmaw u x'qed jigri.

---

[13] A fol 61
[14] A fol 6-10
[15] A fol 64 et seq

Minn analizi dettaljata tar-rendikont ta' tranzazzjonijiet li l-provditur tas-servizz ghaddew lis-Sinjuri PQ u TQ u anke lill-Arbitru, wiehed ma jistax ma jinnotax l-ammont ta' *withdrawals* konsistenti, (hafna drabi kull sitt xhur), minn uhud mill-fondi tal-investiment li kienu jaghmlu parti mill-portafoll taghhom.

Il-provditur tas-servizz ipprezenta kopja ta' sitt *Redemption Plans*, l-ewwel hamsa huma datati 2006/2007, u l-ahhar wahda datata 2011 (ara Fol 243 sa 248). Dan kien dokument li jelenka kemm riedu pagamenti mill-investimenti taghhom.

Fiha l-ilmentaturi jawtorizzaw lill-entitá finanzjarja (il-provditur) biex ibieghu bizzejjed *units* mill-fondi fil-portafoll taghhom halli jkunu jistghu isostnu l-ammonti li riedu.

Ta' min jinnota, li l-portafoll tas-Sinjuri PQ u TQ kien primarjament maghmul minn fondi ta' investiment kollettiv gestiti minn *UBS*. Hafna minn dawn l-investimenti kienu ta' natura *Accumulator* (madwar 10 fondi kienu ta' natura *Accumulator*), li fi ftit kliem, il-qligh li kien jaghmel il-fond stess mill-investimenti kien jigi ri- investit mill-*Fund Manager* fl-istess *fund.*

Kuntrarju ghad-*Distributor Fund*, biex investitur jirrealizza xi dhul, ikollu jbiegh *units* mill-istess *fund*. Jidher, meta wiehed josserva l-*pattern* ta' tranzazzjoni tad-diversi fondi tal-*UBS* li kellhom is-Sinjuri PQ u TQ, li l-ilmentaturi kienu jigbdu ammonti perjodikament minn uhud minn dawn il-fondi *Accumulator*.

Is-Sur Attard, fl-affidavit tieghu[16] ikkonferma dan fejn qal – f'paragrafu 4 – li:

"*Clients wished to receive a fixed regular income from their investments. I had explained that such regular redemptions, irrespective of performance, may erode capital and deny proper recovery should the markets turn negative. In fact, during various stages of our relationship I informed clients that we needed to amend the amounts being withdrawn.*"

L-*Accumulator Funds* ma kienux jiggeneraw qligh fiss – bhal xi imghax fiss kull sena. Il-valur ta' dawn il-fondi kien, bhal kull fond iehor, ivarja perjodikament skont l-andament tal-valur tal-*underlying investments* li kien jinvesti fihom.

[16] A fol 54

Id-dokumenti CFI 19, ipprezentati mill-provditur tas-servizz,[17] fihom it-tranzazzjonijiet kollha li saru mill-ilmentaturi, inkluz il-prezzijiet tat-tranzazzjonijiet.

Jigi osservat li meta kienu jingibdu dawn l-ammonti regolari, il-prezz tas-suq gieli ma kienx ikun favorevoli ghas-Sinjuri PQ u TQ. Tant hu hekk, li meta l-prezz kien ikun inqas mill-ammont originarjament imhallas meta dahlu fl-investiment, peress li l-ammont migbud kien ikun dejjem l-istess, l-ammont ta' *units* mibjugha kien ikun aktar, imqabbel ma' meta l-prezz kien ikun favorevoli.

Il-gbid regolari mill-fondi kien qed inawwar konstantament il-valur tal-investiment tul il-perjodu taz-zmien li l-ilmentaturi zammew l-investiment. Dan huwa konsistenti mal-istqarrija tas-Sur Attard, fejn qal li l-gbid regolari tas-Sinjuri PQ u TQ minn uhud mill-fondi seta' ma kienx sostenibbli.

Is-Sinjuri PQ u TQ kellhom ukoll portafoll ta' investimenti li kien jirrendilhom imghax perjodiku. B'imghax, hawnhekk, wiehed jinkludi dhul minn *Distributor Funds*, imghax minn *bonds* kif ukoll imghax minn *bond portfolios*.

Wiehed ma jistax ukoll ma josservax li l-istrategija taghhom ma kienitx wahda ta' natura spekulattiva – tixtri u tbiegh *fix-short term* biex taghmel gwadann (forsi marginali) f'perjodu qasir ta' zmien. Kien hemm fondi, per ezempju, li l-ilmentaturi xtrawhom fl-2006 u zammewhom sas-sena 2011 – u fil-frattemp gibdu minnhom perjodikament, kif ga sar referenza ghal dan aktar 'il fuq. Kien hemm investimenti ohrajn li – dejjem skont il-lista ta' tranzazzjonijiet mahruga mill-CFI – jidher li l-ilmentaturi hadu lura l-kapital investit mal-maturitá. Kien hemm ukoll xi investimenti li l-investituri ghamlu telf minnhom.

Wiehed jinnota li fl-ahhar erba' snin, qabel ma s-Sinjuri PQ u TQ itterminaw ir-relazzjoni taghhom mas-Socjeta` Konvenuta, huma investew f'erba' *bond portfolios* gestiti mill-CFI.

Apparti dan, dejjem skont it-taghrif moghti fil-lista tat-tranzazzjonijiet li ghaddew il-Crystal lill-ilmentaturi, ma jidhirx li kien hemm telf ta' kapital meta immaturaw jew meta gew terminati dawn il-*bond portfolios.*

Kien hemm ukoll anke investimenti f'*bonds* specifici – li pjuttost kienu ta' natura riskjuza jekk wiehed iqis biss il-kupun relattiv ta' kull *bond*.

[17] A fol 75-80

Fl-ittra li s-Sur Conrad Mifsud kien baghat lill-ilmentaturi f'Jannar 2015, huwa kien qalilhom li, fuq perjodu ta' hames snin, bejn Gunju 2009 u Gunju 2014,

"... *apart from intrinsic distribution of coupons related to fixed income investments, the investment in CHF rendered over such period 39.2% and in EUR rendered 27.7% net of all charges but before tax."*[18]

Il-provditur tas-servizz jaghti rendikont dettaljat hafna ta' kif waslu ghal dawn il-figuri (ara Dok. CFI 18, Fol 72 sa 74).

L-ilmentaturi talbu kjarifiki lil CFI[19] u allegaw telf fuq il-*face value* tal-investimenti taghhom. Huma qalu li: "*In part perhaps this can be explained by changes in the markets over the period*".

Dan jista' jkun minnu, pero` mhux dan biss. Peress li kienu qed jigbdu regolarment mill-kapital taghhom fuq firxa ta' zmien, huma kienu qed jieklu minn gewwa mill-kapital taghhom stess, ghax il-fond ma kienx ikun qed jikber bizzejjed biex isostni dan il-gbid.

Is-Sur Martin Attard, fl-affidavit guramentat tieghu,[20] qal li:

"*During this period, client received around CHF16,000.00 & EUR38,000 in regular redemptions and around EUR50,000 & GBP3,500 in coupons*."

Id-Dok. CFI 18[21] jindikaw li jekk jittiehdu in konsiderazzjoni l-kapital investit, il-*withdrawals*, telf fuq il-kapital, il-kupuni imhallsa u r-*redemptions* matul iz-zmien, jibqa' profitt nett ta' €38,115.23.

L-ilmentaturi ma jaghtux spjega cara kif huma allegatament tilfu mitt elf ewro. Huma jsemmu biss "kalkoli" kif hadmuhom huma, izda ma jispjegawx kif hadmu dak li "kkalkulaw".

Minn dak li jinghad aktar 'il fuq, l-istampa tidher differenti. Kien jinkombi fuq l-ilmentaturi debitament assistiti li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom.

Mill-analizi li saret fuq id-dokumenti pprezentati f'dan il-kaz, kif 'il fuq spjegata komplessivament, jirrizulta li l-ilmentaturi ghamlu qligh u mhux telf.

[18] A fol 7 Ittra datata il-21 ta' Jannar 2015
[19] Ara ittra tal-5 ta' Marzu 2015 a fol 16
[20] A fol 54
[21] A fol 72-74

Ghal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Peress li gew michuda diversi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Dr. Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji